BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 11/12 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 13 ta' Awwissu 2012 fis-7.15am**

| | |
|---|---|
| *Prezenti* | *Membri* |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Kevin Barun**<br>**Is-Sur Carmelo Cachia**<br>**Is-Sur Charles Muscat**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzat** | **Is-Sindku – Is-Sur Joseph Farrugia** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 09/12 u 10/12 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. Wara li K.Barun talab għal korrezzjoni fil-Minuti tas-Seduta 09/12 Aġenda 5 Paragrafu 1, J.Baldacchino ppropona u K.Barun u S.Zammit issekondaw mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

1) Is-Segretarju Eżk. infurmat lill-Kamra li :-

- nhar is-26 ta' Awwissu 2012 bejn is-6.00am u 2.00pm ser ikun hawn il-Blood Donation Unit f'Misraħ is-Summit.
- nhar it-2 ta' Settembru ser ikun hawn flashmob fil-Bajja s-Sabiha imtella' minn Vodafone.
- ir-rendikont ta' 'Jum L-Omm' kellu dħul ta' €2380 u nfieq ta' €2417 filwaqt li ta' 'Jum il-Missier' kellu dħul ta' €597.70 u nfieq ta' €566.50. Għaldaqstant il-Kamra approvat diskrepanza ta' (€37.00) u €31.20 rispettivament.

2) Il-Viċi-Sindku, is-Sur K.Barun :

- informa l-Kamra li wara ittra li nkitbet lill-Ministru l-Onor. Dr Mario de Marco dwar l-istat ħażin li jinsabu fih ċertu postijiet storiċi fil-lokal, il-Kunsill Lokali ingħata appuntament mal-istess Ministru sabiex jiġi diskuss x'jista' jsir biex dawn is-siti storiċi ma jibqgħux jiddeterjoraw. Flimkien ma' delegazzjoni mill-Kunsill Lokali ser jattendi wkoll għal-laqgħa f'isem il-Kunsill Lokali s-Sur Michael Balzia.

- talab lill-Kamra sabiex jiġi kkunsidrat li ssir *bye-law* li tirregola l-kampijiet u *caravans* fil-lokal. J.Baldacchino rrimarka li tajjeb inħarsu lejn *bye-laws* ta' lokalitajiet oħra sabiex ikollna mudell fuq xiex nimxu. S.Zammit ġibed l-attenzjoni li jkun għaqli li ssir konsultazzjoni mar-residenti. Għaldaqstant wara diskussjoni, l-Kamra qablet li għandu jitlesta abbozz sabiex jiġi diskuss mill-Kunsill u wara jgħaddi għal konsultazzjoni mar-residenti.

- issuġġerixxa li t-tabella *No-Entry* li hemm għal Ġnien Profs. Anton Tabone tinbidel għal waħda *un/loading*. Wara diskussjoni l-Kamra ma laqgħetx dan is-suġġeriment minħabba l-ħsara li wieħed jista' jagħmel lill-bankina u l-prominad.

- ġibed l-attenzjoni tal-Kamra fuq id-diversi kummenti fuq *facebook* fejn ir-residenti qed jitolbu li jsir *residential parking*. S.Zammit irrimarka li diġa qiegħed jaħdem fuq dan ma' Transport Malta. Għalkemm hawn xi lokalitajiet li għandhom *residential parking* m'hawnx mudell tajjeb li wieħed jista' jimxi fuqu u għaldaqstant Transport Malta ser taħdem fuq l-istatistika eżistenti sabiex tħejji pjan għal Birżebbuġa. K.Barun ukoll issuġġerixxa li tinkiteb ittra lill-Ministru tal-Artijiet sabiex l-art li hemm Triq il-Port Ħieles ma' Triq Belle-Isle issir *multi-storey carpark* kif ġie ssuġġerit lill-MEPA waqt il-konsultazzjoni fuq il-*Girgħien Development Brief*.

- talab lill-Kamra sabiex tħejji pjan ta' kisi ta' toroq għas-snin li ġejjin. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-Kamra li bħalissa hemm miftuħa s-sejħa pubblika tal-kisi ta' toroq taħt l-iskema *Public Private Partnership* (PPP) u għaldaqstant ikun għaqli li qabel wieħed jikkommetti ruħu jara s-sitwazzjoni finanzjarja wara li tiġi ġġudikata din l-offerta. Kulħadd qabel.

- issuġġerixxa li fuq il-paġna tal-Kunsill Lokali ta' *facebook* għandna nsemmu leħen il-Kunsill Lokali sħiħ u mhux l-opinjoni individwali, għaldaqstant għandu jinħatar persuna sabiex jikteb fuq din il-paġna għan-nom tal-Kunsill Lokali kollu. C.Cachia rrimarka li hawn qegħdin tim u għandu jieħu l-kritika u/jew tifħir it-tim kollu u mhux l-individwu. J.Baldacchino issuġġerixxa li s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali għanda tkun l-amministratur ta' din il-paġna. Kulħadd qabel.

3) Il-Kunsillier, is-Sur C.Cachia :

- jixtieq li permessi għall-gabbani x-xatt bħal tal-Vodafone u attivitajiet oħra fil-Bajja s-Sabiħa jibdew jitilgħu għall-approvazzjoni tal-Kamra qabel ma jingħataw permess mill-amministrazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li dawn il-permessi jingħataw bi proċedura li hi *standard* għal kulħadd. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li talbiet għall-attivitajiet jibdew jitilgħu għall-approvazzjoni tal-Kamra.

- informa l-Kamra li ġibed l-attenzjoni tal-ġardinar fir-rigward tal-istat tal-ġonna tal-lokal. Irrimarka li fil-ġonna tagħna m'hawnx fjuri, kif hemm f'postijiet oħra, fuq dan ser jagħmel rapport lill-Kuntrattur. C.Muscat saħaq li minħabba li d-delega tal-ġonna hi f'idejh meta jkun hemm dawn il-problemi għandhom jiġu riferuti lilu u jittieħdu l-passi neċessarji min-naħa tiegħu.

- ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li xi residenti jixtiequ li ssir *road hump* fi Triq il-Brolli. S.Zammit irrimarka li din ser tiġi diskussa fis-Sotto-Kumitat għal *traffic calming measures*.

- hemm bżonn ta' *crash barrier* fil-Bajja s-Sabiħa mill-ħanut ta' Borda's Take-Away l'isfel. Il-Kamra qablet li tinġieb stima għal dan ix-xogħol.

- saħaq li hemm bżonn nieħdu parir legali fir-rigward tal-garanziji bankarji tal-kuntratti mal-kuntrattur Alfred Schembri & Sons. Ltd.

4) Il-Kunsillier, is-Sur S.Zammit :

- irrimarka li jħoss li fil-laqgħat qed ikun hemm punti li mhux qed tittieħed deċiżjoni fuqhom. J.Baldacchino ssuġġerixxa li l-Kunsillier li jqajjem dawn il-punti għandu jagħmel *follow-up* tagħhom fil-laqgħat suċċessivi. Kulħadd qabel.

- f'Seduta Nru.07/12 kien tqajjem il-punt li Triq ir-Raddiena u Triq tal-Ġebel isiru *one-way*. Waħda titla' u waħda tinżel minnha. Uħud mir-residenti wrew id-diżapprovazzjoni tagħhom għal dan minħabba li tiżdied il-veloċita' tas-sewqan. Il-Kamra qablet li xorta ssir applikazzjoni lil Transport Malta u jekk Transport Malta tagħti l-approvazzjoni tagħha, il-Kunsill jipprova dan l-immaniġġar tat-traffiku għal tlett xhur.

- hemm bżonn li jsir *patching* fl-inħawi ta' Wied il-Qoton.

- talab lil B.Pace min huma n-nominati għal Ġieħ Birżebbuġa kif ukoll il-proċedura li jintgħażlu biha. B.Pace infurmat lill-Kamra li n-nominati huma s-Sur Saviour Fenech, is-Sur Chris Lautier u l-Għaqda Storja u Kultura u ser jinħatar bord li jkun magħmul minn ħames persuni. Dawn ser jiltaqgħu ġimgħa qabel 'Jum Birżebbuġa' u ser jiġu ppreżentati bil-profil u *powerpoint* dwar kull nominat sabiex jintgħażel il-persuna/għaqda li tingħata Ġieħ Birżebbuġa. Kulħadd qabel.

Il-Kunsillier, is-Sur C.Cachia telaq mill-kamra fl-9.45am.

- l-orkestra nazzjonali qed toffri fuq talbiet li jagħmlu l-Kunsilli Lokali stess kunċert b'xejn fil-lokal. L-uniku spiża li tinvolvi hi l-ġarr tal-orkestra kif ukoll il-*printing* tal-*posters*. B.Pace infurmat lill-Kamra li diġa qed taħdem b'kollaborazzjoni mal-Knisja Parrokkjali fuq din l-opportunita'.

5) Il-Kunsilliera, Ms. B.Pace :

- irrimarkat li għall-attivita' ta' 'Inġeddu Tfulitna' tixtieq tagħmel *park & ride* u qed tikkonsidra l-parkeġġ ta' ħdejn Għar Dalam u l-parkeġġ ta' ħdejn il-latrini ta' San Ġorġ.

- ippreżentat lill-Kamra *leaflet* li jirriklama l-attivitajiet tal-1 u 2 ta' Settembru li ser jiġi mqassam fid-djar tar-residenti.

6) Il-Kunsillier, is-Sur C.Muscat :

- hemm bżonn li jinżebgħu il-bandli tal-lokal.

- issuġġerixxa li Triq San Mikiel il-parti ta' bejn Triq Żarenu Dalli u Triq Birżebbuġa issir *two-way*. Wara diskussjoni l-Kamra ma qablitx ma' dan is-suġġeriment minħabba li l-ħruġ minn Triq San Mikiel għal Triq Birżebbuġa hu perikoluż.

- reġgħa qajjem il-punt li d-*dredging* tal-Freeport għadu għaddej għalkemm saru diversi rapporti lill-MEPA. Wara diskussjoni fejn ġie spjegat x'ġara f'dan ir-rigward is-sajf illi għadda l-Kamra qablet li għandha ssir konferenza stampa mill-aktar fis sabiex leħen il-Kunsill Lokali jasal u ma jitkomplix isir *dredging* fix-xhur sajfin skont ir-regolamenti maħruġa mill-MEPA stess.

***AĠENDA -3***

*01/08* - Ġiet ippreżentata fuq il-mejda tal-Kamra petizzjoni dwar l-arranġamenti ġodda tat-traffiku f'Dawret il-Qalb Imqaddsa sabiex jiżdiedu l-postijiet ta' parkeġġ fejn hu possibbli. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kamra li l-azzjoni ittieħdet qabel mal-Kunsill irċieva din il-petizzjoni. S.Zammit irrimarka li minn dan il-każ il-Kunsill Lokali għandu jitgħallem sabiex ma nidħlux f'polemiki għal xejn.

***AĠENDA -4***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti għax-xahar ta' Awwissu 2012. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €52532.55 titħallas skont Skeda Nru. 08/12.

***Għeluq***

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fl-10.30am. Seduta oħra ser issir nhar il-Erbgħa, 12 ta' Settembru 2012 fil-5.30pm.

.

| | |
|---|---|
| **.........................................** | **.............................................** |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |